# Patri Kristofru ghand Dun Rodrigu

MILL-MANZONI— *Traduzzjoni ta'* DUN PAWL

"FIX nista' naqdik?" qal Dun Rodrigu, jieqaf f'nofs is-sala. Il-kliem hekk kien idoqq; imma, b'kif qalulu, ried ifisser ċar: ara quddiem min int, iżen il-kliem, u fittex eħles.

Bex jagħmel il-qalb lill-Patri Kristofru tagħna ma kienx hemm aħjar u eħfef milli jiżżarġan miegħu. Hu, li kien bejn ħall-tejn, ifittex il-kliem u jgħodd bejn subgħajh iż-żibeġ tal-kuruna li kellu ma' qaddu, donnu jittama li f'xi waħda minn dawk sejjer isib il-kliem biex jibda, għall-imġiba ta' Dun Rodrigu ħass ma-lajr ġej f'fommu kliem izjed milli kien jeħtieġlu. Imma jaħseb kemm kien jiswa li ma jgħarraqx dak li kien imiss fil-ħaj lilu jew, dak li kien aqwa, li kien jolqot lil oħrajn, sewwa u biġġel is-sura tal-kliem kif ġietu quddiem moħħu u, jiċċekken biex jilqa' rasu, qallu: "Ġejt ħalli ntarrafiek b'għamila tal-ħaqq, ħalli nitolbok b'għamila tal-ħniena. Xi nies mill-agħar qiegħdu minn quddiem isem is-sinjurija illustrissima tiegħek biex ibeżżgħu msejken ta' kappillan u ma jħalluhx jaqdi dmiru, u biex jaħqru tnejn min-nies li m'għamlu qatt deni lil ħadd. Inti tista', b'kelma, tgerfix-hom, trodd lill-jedd qawwitu u tarfa' lil dawk li sarilhom għajb hekk aħrax. Tista' tagħmlu; u la darba int tista' tagħmlu... l-ku-xjenza, ġiehek......"

"Inti tkellimni fuq il-kuxjenza tiegħi meta jien niġi biex inqerr għandek. Għal dak li hu ġiehi, għandek tkun taf li dak li jħarsu hu jien, u jien waħdi; u kull min għandu l-wiċċ jidħol jieħu sehem miegħi f'dan il-ħsieb, jien inżommu ta' wieħed li ma jqisha xejn biex iregħexni."

Patri Kristofru, imnebbaħ minn dal-kliem li dak is-sinjur kien qed ifittex li jgħawweġ il-kliem tiegħu biex idawwar it-taħ-dita tas-silta ta' bejniethom u ma jħallihx jasal biex iross, intra-bat aktar mal-fehma li jġarrab bis-sabar, qata' li jniżżel bil-qalb it-tajba kull ħaġ'oħra li jkun jogħġob lill-ieħor igħidlu u wieġeb malajr b'leħen mirżun: "Jekk jien għidt xi ħaġa li ma togħġ-bokx, tassew li mhux għax ridt. Tenni sewwi kliemi, ċanfarni, jekk ma nafx nitħaddet kif jixraq: imma kun twajjeb hekk li tismagħni. F'ġieh is-sema, għal dak Alla, li quddiemu rridu lkoll nidhru..." u, igħid hekk, kien qabad bejn subgħajh u jqiegħed

quddiem għajnejn dak li kien qed jisimgħu b'wiċċ imqarras ir-ras ta' mewt ċkejkna ta' l-injam li kellu mwaħħla mal-kuruna, "u la twebbisx rasek tiċħad ħaqq, li lilek ma jiswielek xejn, u hekk mistħoqq lil xi msejknin. Aħseb li Alla jżomm dejjem għajnejh fuqhom, u li l-għajta tagħhom hi mismugħa hemm fuq. Il-moħqrija ta' min hu bla ħtija hi setgħana quddiem......"

"Eh, patri!" qatagħlu bil-herra kliemu Dun Rodrigu; "il-qima li nġib għal-libsa ta' fuqek hi kbira: iżda jekk hemm xi ħaġa li tista' tnissihieli, hi li narah fuq wieħed li jkollu l-wiċċ u l-ħila li jagħmilli tal-kixxief f'dari."

Dal-kliem talla' fuq ħaddejn il-patri fawra; imma hu, b'wiċċ ta' min qed jibla' duwa morra ħafna, reġa' beda: "Int ma temminx li isem bħal dan joqgħod lili. Int tħoss f'qalbek li dan li qed nagħmel issa hawn mhux la ħaġa baxxa u anqas ta' min imaqdarha. Ismagħni sur Don Rodrigu: u jalla ma jiġix il-jum li int jisgħobbik li ma tajtnix widen. La tqegħidx il-foħrija tiegħek... x'foħrija, sur Don Rodrigu! x'foħrija quddiem il-bnedmin! U quddiem Alla! Int tista' ħafna hawn f'did-dinja, iżda..."

"Taf int," qal Dun Rodrigu jaqtagħlu kliemu b'dagħdigħa, iżda mhux bla xi tkexkixa ta' ruħu, "taf int li, meta jiftilli nisma' xi priedka, naf wisq tajjeb immur il-knisja, kif jagħmlu l-oħrajn? Imma ġo dari! Oh" u tenna b'daħka mġebbda ta' tmasħir: "int qed iżżommni ta' aktar milli jien. Il-priedkatur ġoddar! Dan m'għandhomx ħlief il-kbarat."

"U dak Alla li jitlob ħaqq lill-kbarat tal-kelma li jsemmagħhom ġod-dejr tagħhom; dak Alla li qed issa jagħmel miegħek biċċa ħniena, bli jibgħatlek ministru tiegħu, li ma jistħoqqlux ikun u msejken ta' min jagħdru. imma ministru tiegħu, biex jitlob għal imsejkna bla ħtija..."

"Naqtgħu fil-qasir," qal Dun Rodrigu, jagħmel bħal sejjer jitlaq, "jiena ma nafx xi trid tgħid: ma nifhemx ħaġ'oħra ħlief li hemm xi tfajla li hi bosta għal qalbek. Mur iftaħ qalbek ma' min jogħġbok u la tiħux il-lala li ddejjaq aktar fit-tul ġentlom."

Malli Dun Rodrigu ċċaqlaq, il-patri tagħna marlu minn quddiem, imma b'qima kbira; u, jarfa' idejh bħallikieku biex jitlob u f'ħin wieħed biex iżommu, tenna wieġeb: "Hija għal qalbi, tassew, imma mhux aktar minnek; huma żewġ erwieħ li, l-waħda u l-oħra, huma għalija egħżeż minn demmi. Dun

Rodrigu! jien ma nistax nagħmel ieħor għalik, ħlief li nitlob 'l Alla; imma nagħmlu tassew minn qalbi. Tgħidlix le: la żżommx imnikkta u mwerwra msejkna bla ħtija. Kelma tiegħek tista' tagħmel kollox."

"Tajjeb", qal Dun Rodrigu, "la darba inti taħseb li jien nista' nagħmel ħafna għal din li hi, la darba din hi daqshekk għal qalbek..."

"Mela?" wieġeb, fuq ix-xwiek li jkun jaf, Patri Kristofru, li l-imġiba u x-xeħta ta' Dun Rodrigu ma kenux iħalluh jintreħa fit-tama, li kien donnu jħabbar dak il-kliem.

"Tajjeb, għidilha biex tiġi titqiegħed taħt il-ħarsien tiegħi. Ma jkun jonqosha xejn, u ħadd ma jkollu l-ħila li jdejjaqha, jew ma jeniex raġel."

Għalli qallu, id-dagħdigħa tal-patri, imrażżna bit-tbatija sa dak il-ħin, faret. Dawk il-fehmiet kollha sbieħ, li jkun meqjus fil-kliem u fl-imġiba u li jissabbar, għabu: il-bniedem qadim sab ruħ jaqbel mal-ġdid: u, meta kien jingħata hekk, Patri Kristofru kien jiswa għal tnejn. "Taħt il-ħarsien tiegħek!" għajjat, imur ftit lura, jitwieżen b'qilla fuq siequ l-leminija, iqiegħed idu l-leminija fuq ġenbu, jarfa' x-xellugja b'sebgħu l-werrej mitfugħ lejn Dun Rodrigu, jitfagħlu f'wiċċu żewġ għajnejn itajru x-xrar: "taħt il-ħarsien tiegħek! Aħjar li tkellimt hekk, li tarraftni bi ħsieb ta' din il-għamla. Wasalt fejn kellek tasal; u iżjed minnek ma nibżax."

"Kif qed titkellem, fra?..."

"Nitkellem kif wieħed jitkellem ma' min Alla telqu, u ma jistax aktar ibażża'. Taħt il-ħarsien tiegħek! Kont nafu tajjeb li dik li hi bla ħtija hija taħt il-ħarsien t'Alla; imma int, int qed iġġegħilni issa nħossu hekk bla l-inqas taqtigħ il-qalb, li ma jeħtiġlix iżjed inqis kif inkellmek fuqha. Luċija, qed ingħid: tara kif qed illissen isimha bi ġbini 'l fuq u għajnejja ċassi."

"Kif! ġo did-dar......"

"Tiġini ħniena minn did-dar: is-saħta qiegħda mdendla fuqha. Ara li l-ħaqq t'Alla sa jħares għal erba' ġebliet, u sa jqis erba' għassiesa. Int ħsibt li Alla għamel ħliqa xbieha tiegħu biex int toqgħod titgħaxxaq taħqarha! Int ħsibt li Alla ma jafx kif iħarisha minnek! Int tfajt warajk it-twissija tiegħu! Għamilt ħaqq tiegħek innifsek. Faruni kien webbes qalbu bħalek: u Alla

għaraf ifarrakha. Luċija m'għandhiex għax tibża' minnek; ingħidulek jien imsejken patri; u għalik, isma' tajjeb dan li sa nwiegħdek. Għad jiġi jum......"

Dun Rodrigu kien sa dal-ħin baqa', bejn id-dagħdigħa u l-għaġeb, bħal miblugħ, ma jsibx il-kliem; imma, meta sama' t-teħdida ta' *profezija*, ta' basra ta' dak li kien għad irid igħaddi minn għalih, mal-għadab żdied biża' mill-bogħod mistur.

Hafen bil-ħeffa fl-ajru dik l-id heddieda, u, jarfa' leħnu biex jaqta' dik tal-bassar ta' dellu tqil, għajjat: "Oħroġli minn qalb riġlejja, pastas sfiq, għażżien imlibbes il-kapoċċ."

Dal-kliem hekk ċar serrħu f'daqqa waħda lil Patri Kristofru. Mal-ħsieb ta' tkagħbir u ta' żebliħ kien, f'moħħu, hekk tajjeb u minn ħafna żmien ilu, imsieħeb il-ħsieb ta' tiġrib bis-sabar u ta' skiet, li, għal dik il-laqgħa, battiet fih kull xejra għat-tagħdib u l-ħeġġa, u qata' biss li jisma' bla ma jitniffes dak li lil Dun Rodrigu jkun jogħġbu jżid. Fuqhekk, wara li bis-skiet ġibed idu minn taħt id-dwiefer ta' dak ir-raġel sewwa, niżżel rasu u baqa' bla ma jiċċaqlaq, bħalma hekk kif jorqod ir-riħ, fl-eqqel tar-riefnu, is-siġra, li kienet imħabbta mir-riħ, tiġbor magħha, kif inhu maħluq, il-friegħi tagħha, u tilqa' s-silġ, kif jibagħtu s-sema.

"Ċakkar imqalfat," tenna jgħid Dun Rodrigu: "inti ġġib ruħek man-nies ta' li int. Imma iżżi ħajr iċ-ċoqqa li tgħattilek dawk il-kiftejn ta' ċerċur, u teħilsek mill-hejm li jsir lil dawk tal-qatgħa tiegħek biex igħallmuhom kif jitkellmu. Oħroġ b'riġlejk, minn din-naħa: u narawha."

Igħid hekk, urieh b'sebgħu, b'amar ta' tmaqdir, bieb biswit dak li minnu kienu daħlu. Il-patri għaddas rasu, u baqa' sejjer, iħalli lil Dun Rodrigu jqis b'atar ta' wieħed mitluf il-qasam li fuqu saret il-fitla.

Meta l-patri għalaq warajh il-bieb, ra fis-sala l-oħra fejn kien dieħel raġel jinġibed lura qajl qajl, iħokk mal-ħajt, bħalkieku biex ma jintebħux bih mis-sala tat-taħdita; u għaraf fih il-qaddej xiħ li kien ġie jilqgħu fil-bieb tad-dar.

Patri Kristofru ħares lejh hu u għaddej, sellimlu, u kien sa jibqa' sejjer; imma x-xwejjaħ resaq fuqu kollu ħabi, qiegħed sebgħu fuq ħalqu, u mbagħad b'dak is-sabgħa, għamillu sinjal, biex jistiednu jidħol miegħu f'mcgħdija mudlama. Kif kienu hemm ġewwa, qallu taħt ilsien: "Patri, smajt kollox, u jeħtieġli nkellmek......"

"Għid malajr, raġel sewwa."

"Hawn le; Alla jħares jintebah sidi... Imma jien naf ħafna ħwejjeġ, u nara niġix għada l-kunvent."

"Hemm maħsub xi ħaġa?"

"Xi ħaġa hemm fin-nofs minnu; ilu li stajt nintebah biha. Imma issa noqgħod mistenbah, u nittama li nikxef kollox. Halli lili nagħmel. Ikolli nara u nisma' ħwejjeġ!... ħwejjeġ tan-nar! ninsab f'dar!... imma jien irrid insalva ruħi."

"Il-Mulej ibierkek," u, jgħid minn taħt il-lsien dawn il-kelmiet, il-patri qiegħed idu fuq ras il-qaddej, li, għalkemm ixjeħ minnu, kien imbaxxi quddiemu f'qagħda ta' iben. "Il-Mulej iħallsek," tenna jgħid il-patri: "la tonqosx tiġi għada."

"Niġi," wieġeb il-qaddej; "imma int fittex mur 'il barra, u... f'ġieh is-sema... la ssemminix." Igħid hekk, u jħares madwaru ħareġ min-naħa l-oħra tal-mogħdija f'sala żgħira li kienet fagħti għall-bitħa; jara kullimkien baħħ sejjaħ barra lit-twajjeb patri, li wiċċu wieġeb għal dik l-aħħar kelma b'aqwa minn kull kliem li bih hu sata' jagħmillu tajjeb. Il-qaddej urieh mnejn joħroġ; u l-patri, mingħajr ma jgħid kelma oħra, telaq.